MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 695/2010

**Korporazzjoni Enemalta**
**Vs**
**Blokrete Limited (C-263)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf, mitejn wiehed u tletin ewro u sitt centezmi (€1,231.06) rapprezentanti danni kkagunati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar id-9 ta' Lulju, 2008 fin-Naxxar.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni kkagunati u bil-kumpanija konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet illi preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ma ggibx l-isem Blockrete Ltd u ghaldaqstant din il-kawza giet intavolata kontra s-socjeta' zbaljata.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar l-ebda dannu lejn is-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata wettqet ix-xoghlijiet skont l-istruzzjonijiet tas-socjeta' attrici stess u ghaldaqstant ma tistax tinsab responsabbli ta' l-ebda danni kkagunati.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' u ra x-xhieda ta' Ivan Vassallo, Carmel Fenech, Joseph Micallef, PS Maggur 38 Paul Zahra, Jacqueline Busuttil, Dr Joseph Fenech, Austin Camilleri u Adrian Spiteri

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

It-Tribunal jirrileva li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata meta t-Tribunal awtorizza korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta ghal Blokrete Limited wara li kien accerta li n-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija kienet imnizzla fl-avviz, sewwa.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' spejjez involuti wara li ntlaqghat *cable* appartenenti lill-korporazzjoni attrici allegatament mis-socjeta' konvenuta. Gara li fid-9 ta' Lulju, 2008 l-Enemalta rceviet rapport li konsumaturi fin-Naxxar ma kellhomx dawl u meta haddiema tal-Enemalta marru jinvestigaw raw illi kien hemm *cable* milqut. Illi gie allegat mill-Korporazzjoni attrici, illi l-post fejn kien jinsab dan il-*cable* milqut ma kienx gie awtorizzat ghat-thaffir mill-istess korporazzjoni attrici u ghaldaqstant it-thaffir kien sar minghajr permess. Illi l-*cable* gie milqut fi Triq Santa Marija, Naxxar.

It-Tribunal fehem li l-Korporazzjoni attrici ma kienetx sodisfatta li s-socjeta' konvenuta kienet koperta bil-permess ghat-thaffir fil-post fejn kien sar l-incident fi Triq Santa Marija Naxxar ghaliex qalet illi l-incident kien gara fil-perjodu tal- 'extension' tal-permess u ma kienetx koperta b'permess. Dan ifisser illi ntlaqghat *cable* li ma kienx gie mmarkat. Izda ukoll skont xhud iehor prodott mill-korporazzjoni attrici, rrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet haffret fejn kienu saru l-*markings*. Dawn huma zewg verzjonijiet diametrikament opposti li ntqalu min zewg persuni differenti li telghu jixhdu in sostenn tat-talba attrici.

Illi skont is-socjeta' konvenuta hija haffret skont il-permessi li kellha u hadet hsieb illi ma thaffirx fejn kien hemm *markings*. Insistiet illi fejn kienu sehhew il-hsarat irrizulta li ma kienx hemm ebda *markings* u ghaldaqstant setghu jhaffru skont il-parametri moghtija lilhom.

Illi skont ix-xhieda tal-Pulizija li hejja r-rapport maghmul *a tempo vergine* qal illi kien hemm rapport mill-Enemalta ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofs inhar fid-9 ta' Lulju, 2008 li kien sehh *power failure* fi Triq Santa Marija, n-Naxxar kawzati minn xi *cables* milqutin mill-kuntrattur li kien qed jahdem fuq il-post. Illi l-haddiema tal-Enemalta kienu raw il-*bulldozer* ipparkjat fit-triq preciz fejn gie milqut dan il-*cable*. Illi minn naha tas-sewweiq tal-*bulldozer* appartenenti lis-socjeta' konvenuta huwa rrapporta lill-Pulizija li huwa kien haffer fejn l-EneMalta ma kienetx ghamlet *markings*. Intqal ukoll minn Adrian Fenech, l-istess sewwieq tal-*bulldozer* tas-socjeta' konvenuta illi n-nies resposnabbli ghal *cable detection* fit-toroq min naha tal-Enemalta kienu ghamlu l-*markings* f'din it-triq izda mhux fejn kien qieghed jahdem is-sewwieq.

Illi mill-provi jirrizulta li skont il-*cable detector* tal-Korporazzjoni attrici, Ivan Vassallo, qal illi xoghlu huwa li jaqbad il-pjanta u jmur fuq il-post u jfittex bid-*detector* fejn jinsabu l-*cables* tal-Enemalta u jimmarkahom. Huwa kien gie nfurmat bix-xoghlijiet, mis-socjeta' konvenuta permezz ta' kopji tal-permess u sussegwentement iltaqa' mar-rapprezentant tal-kuntrattur, Joseph Calleja u flimkien

ghamlu l-*markings* fit-triq. Ivan Vassallo mmarka skont il-pjanta li huwa kellu.

Joseph Micallef, Inginier mall-korporazzjoni attrici, qal illi l-*cables* li kienu intlaqtu f'dan l-incident ma kienux gew immarkati u qal li dan kien jafu ghaliex il-kuntrattur li kellu jahdem fuq il-post ma kellux jahdem hemm.

Ivan Vassallo, xhud prodott mill-korporazzjoni attrici, qal illi x-xoghlijiet mill-kuntrattur kienu tlestew u ma kienux inqalghu problemi u ebda *cable* ma ntlaqat. Issokta billi qal li xi xahrejn wara kienu saru xi xoghlijiet ohra mis-socjeta' konvenuta minghajr ma l-korporazzjoni attrici kienet taf bihom. Illi skont ir-regolamenti, l-kuntrattur ghandu javza lil Enemalta li kienu ser isiru xi xoghlijiet u ghandu bilfors jiltaqa' mal-*cable detector*.

Skont ix-xhieda ta' David Zerafa, Principal Technical Officer mall-Korporazzjoni attrici, qal illi fil-post tal-incident ma kienetx qieghda tigi mhaffra trinka izda kien qieghed jitbaxxa l-livell tat-triq, ghaldaqstant huwa ma kienx ra trinka izda art maqlugha. Illi huwa indika ritratti, ezebiti a fol 26, li jindikaw illi ma kienx hemm trinka fejn intlaqtu l-*cables* izda kien hemm biss art maqlugha u *cables* li dehru fuq il-wicc tat-triq.

Is-socjeta' konvenuta waqt il-provi taghha sostniet illi hija kienet inghatat *civil works contract* ma l-ADT sabiex iwessghu Triq in-Naxxar, tinbena triq gdida kif ukoll bankina. Intqal illi jezistu certi parametri,f'din is-sengha, meta wiehed jikkunsidra t-tqieghed tal-*cables* minn naha ta' l-Enemalta. Illi taht bankina l-kejl irid ikun mill-inqas 45 centimetri 'l isfel u f'kaz ta' triq il-*cable* irid ikun mill-inqas 75cm 'l isfel mit-triq. Intqal mid-direttur tas-socjeta' konvenuta li l-haddiema tieghu mxew ma' dawn il-parametri waqt it-tqattigh sabiex jikxfu l-art. Intqal ukoll illi m'huwiex minnu li huma haffru f'post mhux awtorizzat ghaliex il-parti fejn gie allegatament milqut il-*cable* kien fil-parti fejn l-art kienet xaghri u s-socjeta' konvenuta giet mitluba tibni bankina hemmhekk. Dik il-parti kienet koperta bil-permess mehtieg. Illi dak iz-zmien tal-incident, il-haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu qieghdin

jinvellaw t-triq. Illi meta d-direttur tas-socjeta’ konvenuta mar jispezzjona l-hsarat ra li l-*cable* milqut kien biss sitt centimetri l-isfel mill-wicc tat-triq-kwazi ma wicc ‘l art tat-triq. Qal ukoll illi fejn kien jinsab dan il-*cable* l-Enemalta ma kienetx ghamlet ebda *marking*.

It-Tribunal sema’ lil *foreman* tas-socjeta’ konvenuta inkarigat mill-kuntratt dak inhar tal-incident. Huwa kkonferma li x-xoghlijiet kienu sehhew fi Triq Santa Marija, Naxxar u l-permess kien inhareg ghat-tul ta’ Triq Santa Marija, Naxxar ma’ Triq V. Boron, Naxxar. Illi l-incident sehh f’parti minn din it-triq. Xehed ukoll illi l-kuntratt ma kienx gie kompletat fil-hin u huwa kien talab ghal *extension of time* fuq dan il-kuntratt. Qal ukoll illi meta tigi rikjesta *extension of time*, ma jinharigx permess mill-gdid izda l-*extension of time* tkun qed tinghata fuq l-istess permess originali. Illi fi kwalunkwe’ kaz, il-*markings* ikunu diga saru u ma talba ghall-*extension of time*, ma jergghux isiru l-*markings* ghall-istess triq. Camilleri kkonferma li fil-post fejn sehh l-incident, l-Enemalta ma kienetx ghamlet *markings* u ghaldaqstant huma qattghu liberament skont il-parametri moghtija lilhom. Huwa kkonferma ukoll illi s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli ghat-triq kollha u kienet saret applikazzjoni wahda biss u ma kienx hemm ghalfejn issir applikazzjoni ghall-permess mill-gdid sabiex jintalab *extension of time*. Qal ukoll illi m’hijiex prassi li jergghu jsiru *markings* ghaliex dawn jkunu diga saru malli johrog il-permess fil-bidu. Il-permess jinhareg minn *Transport Malta*, l-ADT ta’ dak iz-zmien. Ikkonkluda billi qal illi kuntrattur ihaffer fejn ma jkunx hemm *markings* tal-Enemalta.

Illi wara li sema u evalwa l-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal ra li x-xhieda tal-korporazzjoni attrici ftit li xejn kienet konsistenti. Illi filwaqt illi Micallef qal illi nsista illi huma kienu ghamlu il-*markings*, Vassallo qal illi fejn kienu qieghdin jhaffru l-haddiema tas-socjeta’ konvenuta, ma kienx kopert bil-permess.

It-Tribunal ra d-dokument IV2 ipprezentat mil-korporazzjoni attrici li jindika li kienu saru *markings* fi Triq Santa Marija ma’ Triq V Boron in-Naxxar. It-Tribunal ra li

fuq *site plan* l-incident kien sehh f'din it-triq u jista' jikkkonstata li l-post tal-incident kien fil-fatt kopert bil-permess. Illi skont il-provi rrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet talbet *extension of time* fuq il-kuntratt vigenti sabiex ikunu jistghu jtemmu x-xoghlijiet. Illi rrizulta li l-incident kien sehh fil-perjodu tal-*extension of time*. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-*markings* isiru qabel ma jibdew ix-xoghlijiet u skont il-permess u ghaldaqstant jekk kienu saru l-*markings* fit-Triq Santa Marija kienu saru kollha min-nies tal-Enemalta fil-presenza tas-socjeta' konvenuta u ghat-triq kollha. Illi rrizulta minn dokumenti ezebiti mill-korporazzjoni attrici, li tul it-Triq Santa Marija ma' Triq V Boron, kien sehh l-incident u rrizulta car lit-Tribunal, illi din il-parti tat-triq kienet koperta bil-permess u ghaldaqstant it-Tribunal huwa konvint illi x-xoghlijiet inkluzi dawk fejn kien sar l-incident kienu koperti bil-permess mehieg.

Mill-provi rrizultalu li l-provi nkonsistenti tal-korporazzjoni EneMalta wera bic-car illi l-impjegati bejniethom ma kienux qieghdin jaqblu. Minn banda wahda t-Tribunal sema' allegazzjoni li s-socjeta' konvenuta ma kienetx koperta b'permess fejn kienet qed tahdem u f'xhieda ohra sema' li l-*markings* kienu fil-fatt saru fil-post tal-incident. Ivan Vassallo xehed illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kienet gharrfithom illi kienu ser isiru xoghlijiet fil-post tal-incident ghaliex ix-xoghlijiet kien ilhom li gew kompletati 'l fuq minn xahrejn u ghaldaqstant ma kienux a konoxxenza tax-xoghlijiet li kkawzaw dan incident. Minn dokumentazzjoni ezebita mis-socjeta' konvenuta, a fol 47, it-Tribunal huwa sodisfatt li x-xoghlijiet kienu baqghu fl-istess triq, liema xoghlijiet kienu koperti bil-permess moghti lilhom fl-ahhar ta' Mejju, 2008. Intqal ukoll mix-xhieda tal-Korporazzjoni attrici, li x-xoghlijiet kienu sehhew f'Mejju, 2008 meta t-Tribunal ra li l-*markings* kienu ttiehdu fil-5 ta' Gunju, 2008 ghat-thaffir li kien ghadu ser jibda w ghaldaqstant m'huwiex minnu li x-xoghlijiet kienu bdew f'Mejju, 2008. It-Tribunal ra li s-*Site Excavation form* kienet iffirmata minn Ivan Vassallo stess illi xehed illi x-xoghlijiet kienu saru f'Mejju. Din il-formola giet iffirmata flimkien ma' Joseph Calleja impjegat tas-socjeta' konvenuta fil-5 ta' Gunju, 2008.

Wara li sema’ u evalwa l-provi kollha prodotti quddiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verzjoni tal-Korporazzjoni attrici ftit li xejn hija konsistenti filwaqt li l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta baqghet konsistentement cara. Illi minn dokumenti ezebiti u anke provi fotografici, jirrizulta li l-*cable* li kien intlaqat, kien f’wicc il-bankina u mhux skont il-prassi tas-sengha mill-inqas 45cm taht il-bankina. Illi sahansita *a tempo vergine* skont ir-rapport tal-pulizija, l-haddiema tal-Enemalta qatt ma semmew illi fejn kien sar l-incident ma kienx kopert bil-permess jew li l-post tal-incident kellu l-*markings* kif gie sostnut fid-diversi xhieda li t-Tribunal sema’. Illi l-uniku xhud attendibbli minn naha tal-korporazzjoni attrici kien David Zerafa, Principal Technical Officer, fejn qal illi kien hemm gaffa tbaxxi l-livell tat-triq u li l-‘*cables*’ kienu mal-wicc tat-triq.

It-Tribunal wara li ezamina bir-reqqa l-provi kollha inkluzi d-dokumentazzjoni relatata ma’ dan l-incident, huwa konvint illi l-korporazzjoni attrici naqqset milli taghmel il-*markings* sewwa fit-Triq Santa Marija bil-konsegwenza li meta s-socjeta’ konvenuta laqghtet il-*cables* mertu tal-kawza, hija kienet qed thaffer skont l-istruzzjonijiet li hija kellha mill-Korporazzjoni attrici u ghaldaqstant ma tistax titqies responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-korporazzjoni attrici.

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, t-Tribunal jikkonkludi li l-korporazzjoni attrici ma ppruvatx il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghaldaqstant qieghed jichad din it-talba.

Spejjez ta’ din l-istanza sopportati mill-korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------